**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 45 – IT-TNEJN, 22 TA' OTTUBRU 2012 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | David Dalli | Viċi Sindku |

1 **Approvazzjoni Minuti Numru 44**

1.1 Għandha tidħol fil-paragrafu 4.3 "Is-Sur Mifsud Bonnici talab kopja tar-rendikont finanzjarju tad-*Day Centre* għal dawn l-aħħar 10 snin. Dawn ma kienux inżammu, u għalhekk ma jistgħux jiġu provduti. Hu provda wkoll ritratti li allegatament juru ħalib u butir fil-*fridge* tad-*day center* fil-11.30am u ritratti ta' żibel li juru x'inħela dik il-ġimgħa."

1.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li jiġu approvati l-minuti b'din l-emenda. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm 3 favur, 2 kontra u 3 astensjoni.

**2 Pagamenti Numru 71**

2.1 Is-Sur Neville Mallia ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet diskussa *ż-zebra crossing* proposta fi Triq il-Mensija. Ġie deċiż li ssir talba lil *Maltco* biex il-*booth* tal-lottu li tinsab f'din it-triq tiċċaqlaq ftit 'l fuq jew l-isfel minħabba li dan il-post huwa ideali għal *zebra crossing*.

3.2 Ġie diskuss is-suġġeriment li jitwaħħlu *stickers* tal-arloġġ fuq it-tabelli tat-*timed parking* biex jindika li trid ikollok arloġġ biex tipparkja hemm. Kien hemm kunsens li ma jsirux.

3.3 Ġiet diskussa l-istima tas-Sur Baldassare Borg biex isiru l-*maintanence* fi Pjazza Lewża, Misraħ Awrekarja, *soft area* fi Triq Fresja, u l-ħajt fi Triq is-Sardinell. L-ammont kien ta 1120 Euro. Ġie deċiż li tiġi aċċettata din l-istima.

3.4 Ġiet diskussa t-talba għall-mera fi Triq ir-Rundun kantuniera ma' Triq lstefanotis. Għandha ssir *site visit* qabel ma' jsir ix-xogħol.

3.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li d-dipartiment se jieħu f'kunsiderazzjoni l-masġar il-ġdid meta jkun qed jagħmel l-allokazzjoni. Għandha tinbagħat *site plan* ta' dan il-masġar Patri Leopoldu Tabone.

3.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kawża legali ma' Tanya Borg Cardona ġiet riżolta mal-WSC.

3.7 Ġiet diskussa l-proposta tal-*GreenPak* rigward ġbir ta' ħġieġ bieb, bieb. Il-Kunsill qabel li l-ġbir għandu jibqa' kif inhu bħalissa u jiżdied il-ġbir ta' ħġieġ, nhar ta' Ħamis kull gimgħatejn. Dan għandu jiġi kkommunikat lil *GreenPak*.

3.8 Ġie deċiż li jsir *patching*, u *handrail* fi Triq il-Ġiżi.

3.9 Ser isir *public consultation* nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ottubru rigward it-talba biex triq il-Gardell issir *one way*.

3.10 Ġiet diskussa l-proposta li jsiru *charging stations* għall-karozzi li jaħdmu bl-elettriku. Dawn għandhom isiru mill-MRRA fi Vjal ir-Riħan u Triq R Caruana Dingli quddiem il-Kunsill. Għandha tiġi provduta *site plan* ta' dawn il-postijiet.

**4 Affarijiet Oħra**

4.1 Is-Sur Neville Mallia ppropona *patching* bil-*hot asphalt* fi Triq Mudest Sapiano u Triq iċ-Ċawsli. Hu ppropona wkoll li jinbena mill-ġdid ħajt fi Triq taż-Żwejt. Kien hemm qbil unanimu. Għandha tinbagħat ittra ta' *reminder* lil TM rigward bankina imkissra fi Triq in-Naxxar quddiem it-*Titu Bar*.

4.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet rigward *Memo 38/2012* – Skema Dwar Inizjattivi ta' attivitajiet. Kien hemm qbil li se napplikaw għal żewġ attivitajiet. Waħda fl-10 ta' Frar għall-Karnival u oħra fl-4 ta' Mejju għall-attività għall-familja. Hi nfurmat, li l-Kunsill ser jiġi mogħti magna oħra tal-pressjoni u z-zokkor li jintuzaw għall-*monitoring*. Infurmat ukoll li, wara laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-anzjani, id-*day centre* tal-kunsill ser jiġi rikonoxxut kif ukoll jista' jkun li d-dipartiment jibgħat xi ħaddiema bħala *helpers*.

4.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex isir *patching* fi Triq il-Baltiku, tiġi rranġata bankina fi Triq l-Isponsun u tiġi miżbura siġra fi Triq il-Ġojjin li qiegħda tgħatti tabella tat-traffiku. Kien hemm qbil unanimu.

4.4 Is-Sinjura Violet Bajada talbet li jsiru żewġ tabelli fi Triq San Ġwann tal-Għorgħar u oħra fi Triq Bella Vista li tindika li jista' jkun hemm tfal qed jaqsmu t-triq. Talbet ukoll li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Santa Margerita. Kien hemm qbil unanimu.

4.5 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici lmenta rigward il-parkeġġ ħażin u l-istorbju li ġej mill-Aria. Għandha tinbagħat ittra ta' *reminder* lill-għassa ta' Birkirkara. Hu lmenta li hemm disgwid mal-Kunsilliera Marica Bayliss fuq it-tmexxija tad-*day centre*.

Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.30pm.

4.5.1 Saret diskussjoni rigward it-trasport li jsir għad-*day centre*. Ġie deċiż li t-trasport isir biss ġewwa San Ġwann. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ppreżenta *affidavit* u osservazzjonijiet, kif ukoll ippropona li l-Kunsill jitlob lill-pulizija tagħmel investigazzjoni fuq it-tmexxija tad-*day centre*. Ma kienx hemm sekondant. Is-Sindku għandu jieħu parir jekk għandux jieħu azzjoni jew le.

4.6 Is-Sinjura Rita Saliba staqsiet fuq il-bankina fi Triq iż-Żebbuġ li kienet ippproponiet biex issir. Ġie deċiż li deċiżjoni tittieħed fl-laqgħa oħra. Għandha tinbagħat ittra lill-Kappillan rigward il-fustuni tal-festa li għadhom fit-toroq.

4.7 Is-Sur Mikhail Micallef talab li jitneħħa t-*telephone booth* fi Triq J F Marks li m'għadux jintuża', titneħħa fergħa ta' siġra li ħierġa fi Triq il-Mediterran u tinkiteb ittra lil *Enemalta / GO* u l-*Melita Cable* rigward *wires* imdendlin fi Triq ir-Russett.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |